

[Paġna Ewlenija](#) > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Manteniment tal-familja](#)

Manteniment tal-familja

Jekk tixtieq titlob manteniment, pereżempju billi titlob fl-aspett mensili għall-manteniment ta' wild minuri minn ġenitur li mhux jgħix ma' dak il-wild minuri, id-dritt tal-UE jippermettitek li tuża l-qrati tal-Istat tiegħek biex jiddeterminaw l-obbligu tad-debitur li jħallas il-manteniment u jistabbilixxu l-ammont li jrid jitħallas. Sentenza dwar dan tiġi rikonoxxuta faċilment fl-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni Ewropea.


Agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.

Regoli minn Ġunju 2011

Mit-18 ta' Ġunju 2011 'il quddiem, japplikaw ir-[regoli l-ġodda](#) dwar materji ta' manteniment. Dawn xorta jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja tal-kreditur ta' manteniment billi jippermettulu jfittex lid-debitur quddiem il-qrati tal-Istat tiegħu. Barra minn hekk, f'ħafna każijiet, il-[Protokoll](#) ta' The Hague tal-2007 jiddetermina l-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment u kull sentenza dwar il-manteniment mogħtija mill-qrati tal-Istati Membri tiċċirkola liberament fl-Unjoni Ewropea u tista' tiġi eżegwita fl-Istati Membri kollha mingħajr formalitajiet addizzjonali. Finalment, il-kredituri u d-debituri ta' manteniment jibbenefikaw minn għajjuna amministrattiva offruta mill-Istati Membri.

Ir-regoli l-ġodda japplikaw fis-27 Stat Membru tal-UE, inkluża d-Danimarka, bis-saħħa tal-Ftehim tad-19 ta' Ottubru 2005 bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali. Madankollu, id-Danimarka ma tapplikax xi regoli, b'mod partikolari, ir-regoli dwar il-liġi applikabbli u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali.

Mill-1 ta' Jannar 2021, ir-Renju Unit ma għadux Stat Membru tal-UE. Madankollu, fil-qasam tal-ġustizzja ċivili, il-proċeduri u l-proċedimenti pendenti mibdija qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni se jkomplu skont id-dritt tal-UE. Sa tmiem l-2024, ir-Renju Unit jista' jkompli jintgħażel f'formoli online (dinamiċi) għall-finijiet ta' dawn il-proċedimenti u l-proċeduri.

Ir-Regolament jipprovdi wkoll li l-awtoritajiet amministrattivi jistgħu jitqiesu bħala qrati għall-iskop ta' proċeduri ta' manteniment. Tista' ssib lista ta' dawk l-awtoritajiet [hawnhekk](#)  (233 Kb) .

Il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika jipprovdi [informazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament](#) u għodda faċli għall-utent biex timla l-[formoli](#). In-[Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali](#) żviluppa [Gwida dwar l-użu tal-Annessi skont ir-Regolament dwar il-Manteniment](#) li hija disponibbli fi 23 lingwa.

Meta l-manteniment ikun dovut minn persuna li tgħix f'pajjiż li mhux Stat tal-UE jew għall-benefiċċju tagħha, il-[Konvenzjoni](#) dwar l-irkupru internazzjonali tal-manteniment għat-tfal u forom oħra ta' manteniment tal-familja u l-[Protokoll](#) dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment jistgħu jgħinuk biex tirkupra l-manteniment fi Stati mhux tal-UE li jkunu partijiet kontraenti għal dawn l-istrumenti internazzjonali. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ għall-UE fir-rigward ta' Stati terzi li huma parti fil-Konvenzjoni mill-1 ta' Awwissu 2014.

Formola standard mhux obligatorja dwar id-dikjarazzjoni ta' arretrati fil-manteniment

Sabiex jiffaċilita l-implimentazzjoni Prattika tar-Regolament dwar il-Manteniment, u l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet taċ-ċittadini madwar l-UE, in-[Netwerk Ġudizzjarju Ewropew](#) fl-oqsma ċivili u kummerċjali żviluppa formola standard mhux obligatorja dwar id-dikjarazzjoni tal-arretrati fil-manteniment.

Din il-formola mhux obligatorja għandha l-għan li tiffaċilita l-irkupru tal-arretrati tal-manteniment u hija disponibbli fi 23 lingwa. Mal-formola hemm mehmuża gwida Prattika dwar kif timlieha. Il-formola tinsab fil-formati li ġejjin: [PDF](#) (1044 Kb) u [XLS](#) (390 Kb).

Formola standard mhux obligatorja dwar is-soluzzjonijiet bonarji

Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Manteniment, u l-irkupru transfruntier effettiv tal-manteniment, in-NĠE-ċivili żviluppa formola standard (mhux obligatorja) dwar soluzzjonijiet bonarji.

Is-soluzzjoni bonarja tat-tilwima tevita l-intervent ta' qorti u/jew proċedura ta' eżekuzzjoni. Dan jista' jgħin biex jiġu evitati proċedimenti twal u kumplessi. Din il-formola se tgħin lill-Awtoritajiet Ċentrali jiffaċilitaw ftehimiet bonarji bejn il-partijiet, u jegħlbu l-ostakli lingwistiċi, bil-ħsieb li jinkiseb ħlas volontarju tal-manteniment. Il-formola hi disponibbli fi 23 lingwa. Il-formola tinsab fil-formati li ġejjin: [PDF](#) (160 Kb)

L-aħħar aġġornament: 31/01/2025

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.